

Paġna ewlenija>Drittijietek>Il-Vittmi ta' delitti (għalkemm hawnhekk tista' tisser ukoll tal-kriminalità)>Kumpens>

**Jekk it-talba tiegħi (minn pajjiż ieħor) se titqies f'dan il-pajjiż**

**Jekk it-talba tiegħi (minn pajjiż ieħor) se titqies f'dan il-pajjiż**

Slovenja

**Liema awtorità tiddeċiedi dwar talba għal kumpens f'każijiet transfruntiera?**

**Il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika tas-Slovenja**

Župančičeva 3

Ljubljana

Telefown: +386 1 369 54 40

Faks: +386 1 369 54 75

[gp.mp@gov.si](mailto:gp.mp@gov.si)

Posta elektronika:

Sit web: <https://www.gov.si/drzavni-organi/ministrstva/ministrstvo-za-pravosodje/>

**Nista' nibgħat it-talba tiegħi direttament lill-awtorità li tiddeċiedi f'dan il-pajjiż anki f'każijiet transfruntiera (mingħajr ma jkolli bżonn ngħaddi mill-awtorità ta' assistenza f'pajjiżi)?**

Iva.

B'liema lingwa/i l-awtorità jew l-awtorità(jiet) tal-kumpens taċċetta/jaċċettaw:

— talba? Bis-Sloven.

— dokumenti ta' prova? Bis-Sloven, bħala traduzzjoni ċċertifikata.

Jekk it-talba u d-dokumenti ta' prova ma jkunux bis-Sloven, il-Ministeru tal-Ġustizzja għandu jirritornahom lir-rikorrent jew lill-awtorità tal-Istat Membru li mingħandha tkun waslet it-talba, flimkien ma' spjegazzjoni li t-talba u d-dokumenti ta' prova jridu jkunu bis-Sloven.

**Jekk l-awtorità li tkun qed tipprowdi l-kumpens tittraduċi t-talba/dokumenti ta' sostenn minn pajjiż ieħor tal-UE, min iħallas għal dan?**

Jekk it-talba u d-dokumenti ta' prova ma jkunux bis-Sloven, il-Ministeru tal-Ġustizzja għandu jirritornahom lir-rikorrent jew lill-awtorità li mingħandha tkun waslet it-talba, flimkien mal-ispejjeż ta' t-talba u d-dokumenti ta' prova jridu jkunu bis-Sloven. Fi kliem ieħor, l-awtorità tal-kumpens ma tittraduċi it-talba jew id-dokumenti ta' prova mingħand Stati Membri oħra tal-UE. L-ispejjeż tat-traduzzjoni jiġu koperti mir-Repubblika tas-Slovenja.

**Hemm xi fhasijiet amministrattivi jew fhasijiet oħra li għandhom jitħallsu f'dan il-pajjiż għall-ipproċessar tat-talba tiegħi (li tkun waslet minn pajjiż ieħor tal-UE)? Jekk iva, kif nista' nħallashom?**

Le. Ma tintalab ebda tariffa għal talbiet, għal azzjonijiet u għal deċiżjonijiet fi proċedimenti ta' kumpens skont dan l-Att.

**F'każ li jkolli bżonn inkun preżenti waqt il-proċedura u/jew waqt li tkun qed tiġi deċiża t-talba tiegħi, nista' niġi rimborżat għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiegħi? Kif nista' nagħmel talba għalihom? Lil min għandi nikkuntatta?**

Le, l-ispejjeż ma jiġux rimborżati.

**Jiġi pprovdut interpretu f'każ li jkolli nkun preżenti personalment?**

Bħala regola, ma jkollox bżonn tkun preżenti personalment fil-proċedura.

Il-Kumitat għat-tehdid ta' deċiżjonijiet dwar il-kumpens lil vittmi ta' reati jista' jiddeċiedi li jorganizza smiġh jew jisma' lil parti jew lil esperti. Skont ir-regoli dwar il-proċedura amministrattiva ġenerali, partijiet li ma jafux il-lingwa jew ma jistgħux jużawha minħabba diżabilità għandhom id-dritt għal interpretu biex isegwu l-proċedura. L-awtorità hi obbligata tinforma lir-rikorrenti dwar dan.

Madankollu, skont il-liġi, il-Kumitat jista' jitleb lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor tal-UE fejn ir-rikorrent ippreżenta talba għal kumpens biex twettaq dawn l-atti minflok. F'dan il-każ, ma jkunx hemm bżonn li r-rikorrent ikun personalment preżenti.

**Iċ-ċertifikati mediċi, li jingħataw mit-tobba fil-pajjiż ta' residenza tiegħi, jiġu aċċettati jew rikonossuti – jew is-saħħa/korrimient tiegħi jkunu jridu jiġu eżaminati mill-esperti mediċi tagħkom stess?**

Ċertifikati mediċi mehmuża jiġu aċċettati jew rikonossuti jekk jiġu ppreżentati bis-Sloven, bħala traduzzjoni ċċertifikata.

**Se niġi rimborżat(a) għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiegħi jekk ikolli nagħmel eżami mediku f'dan il-pajjiż?**

Skont ir-regoli dwar il-proċedura amministrattiva ġenerali, le, għaliex din hi proċedura li ssir fuq it-talba tar-rikorrent.

**Kemm għaddi żmien (bejn wieħed u ieħor) biex l-awtorità/korp jiddeċiedu dwar talba għal kumpens?**

L-iskadenza legali għall-ħruġ ta' deċiżjoni hi ta' 3 xhur mil-wasla ta' applikazzjoni kompluta. Bħala regola, il-proċedura attwali ddom anqas minn sitt xhur, skont iċ-ċirkustanzi individwali.

**B'liema lingwa nirdievi d-deċiżjoni dwar it-talba tiegħi?**

Id-deċiżjoni tkun bis-Sloven.

Jekk il-proċedura tkun se titmexxa mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor tal-UE, id-deċiżjoni tintbagħat flimkien mal-**formola standard predefinita** stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea li trid tkun **bil-lingwa tal-Istat Membru kompetenti** li tintbagħat lilu. Parti mill-formola standard hi wkoll sommarju tad-deċiżjoni, spjegazzjoni jew struzzjoni dwar ir-rimedju legali, u spjegazzjoni ta' azzjonijiet oħra li huma mistennija mir-rikorrent.

**Jekk ma nkunx sodisfatt(a) bid-deċiżjoni, kif nista' nikkontestaha?**

Int tista' tikkontesta d-deċiżjoni b'azzjoni fi proċedimenti amministrattivi, li tiġi deċiża mill-Qorti Amministrattiva tar-Repubblika tas-Slovenja.

**Nista' ningħata għajnuna legali (għajnuna mingħand avukat) skont ir-regoli tal-pajjiżi l-ieħor?**

Fi proċedimenti amministrattivi li jinvolvu t-tnejja ta' talba ta' kumpens, l-għajnuna legali b'xejn mhix possibbli.

Madankollu, skont ir-regoli dwar il-proċedura amministrattiva ġenerali, uffiċjal irid jirrispetta l-prinċipju ta' protezzjoni tad-drittijiet tar-rikorrent, u dan ifisser li l-uffiċjal irid jippermetti lir-rikorrent jeżerċita d-drittijiet tiegħu, iwissih f'dan ir-rigward, jistiednu jlesti t-talba u jipprovidi spjegazzjonijiet, filwaqt li jiżgura li n-nuqqas ta' għarfien tar-rikorrent jew il-fatt li ma jkunx jaf ma jtellifux drittijietu.

Ir-rikorrent jista' jiddeċiedi li jiftaħ azzjoni kontra deċiżjoni tal-Kumitat. F'tilwima amministrattiva li tkun proċedura ġudizzjarja wkoll, barranin (li ma jkunux residenti tar-Repubblika tas-Slovenja) huma intitolati għal għajnuna legali b'xejn bil-kundizzjoni ta' reċiproċità jew skont il-kundizzjonijiet u f'każijiet determinati mit-trattati internazzjonali li jorbtu lir-Repubblika tas-Slovenja.

**Hemm xi organizzazzjonijiet li joffru appoġġ lill-vittmi li jistgħu jgħinuni nitlob kumpens f'każ transfruntier?**

Aħna m'għandniex informazzjoni dwar dan.

L-aħħar aġġornament: 17/01/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.